LOMBARD

## ***Diskors taċ-Chairman lill- Membri*** [1]

Bi pjaċir nirrapporta li matul l-2025 kemm il-Lombard Bank Malta p.l.c. ('il-Bank') kif ukoll il-MaltaPost p.l.c., irreġistraw prestazzjoni finanzjarja inkoraġġanti minkejja sfidi tas-suq. Il-qligħ qabel it-taxxa tal-Grupp ammonta għal €23.8 miljun, żieda ta' 22.7%, meta mqabbel ma' €19.4 miljun tas-sena ta' qabel.

Id-dħul mill-operat tal-Bank kompla jiżdied, bi tkabbir ta' 9.4% meta mqabbel ma' 8.3% fl-2024. Bħal fis-snin ta' qabel, is-self li laħaq €929.1 miljun, kien l-akbar sors ta' dħul. Dan laħaq rekord ta' €33 miljun anke jekk ir-rati tal-imgħax medji fuq is-self baqgħu fil-biċċa l-kbira kostanti. L-investimenti f'ishma ukoll taw spinta qawwija lill-qligħ nett fil-forma ta' dividendi, għalkemm għal din is-sena dan id- dħul jinkludi dħul ta' darba minn bejgħ ta' proprjetà minn kumpanija assoċjata tal-Grupp. Tariffi u kummissjonijiet flimkien ma' dħul mis-swieq monetarji reġgħu kienu sors importanti oħra ta' dħul.

Fl-istess waqt, l-imgħax fuq id-depożiti li laħaq €13.7 miljun, żdied b'rata aktar mgħaġġla mill-imgħax fuq is-self, tant li d-dħul nett mill-imgħax kien kemxejn inqas minn dak tal-2024. Dan jirriżulta minn preferenza qawwija tal-klijenti għal depożiti b'terminu ta' aktar minn sentejn. Dawn it-tip ta'depożiti żdiedu b' €92.4 miljun, u b'hekk laħqu t-32.9% tad-depożiti kollha tal-Bank ta' €1.2 biljun. Dawn id-depożiti fit-tul iħallsu rati ta' imgħax ogħla. Għalkemm dan sarraf f'nefqa akbar għall-Bank dawn id-depożiti huma anqas volatili u għalhekk jirrappreżentaw sors ta' fondi aktar stabbli. Mill-perspettiva ta' riskju, il-Bord jikkunsidra li l-offerta ta' din l-għażla lid-depożitanti tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tal-Bank.

Dan il-moviment oppost fid-dħul u fl-ispiża tal-imgħax irriżulta f'żieda fid-dħul mill-operat ta' €3.4 miljun għal livell rekord ta' €39 miljun.

L-ispiża amministrattiva tal-Bank laħqet 52.4% ta' dan id-dħul, proporzjon iżgħar min dik tas-sena ta' qabel u l-inqas waħda f'ħames snin. Is-salarji u l-benefiċċji oħra tal-impjegati kienu għal darb'oħra l-akbar spiża amministrattiva, u li tlaħħaq kważi nofs l-ispiża kollha. Filwaqt li n-numru medju ta' impjegati baqa' l-istess matul is-sena, iż-żieda fin-nefqa kienet mistennija u tirriżulta mill-isforzi tal-Bank biex iżomm impjegati kkwalifikati f'suq tax-xogħol dejjem kompetittiv. Il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji u l-manteniment u aġġornament tas-sistemi tal-informazzjoni wkoll involvew spejjeż sinifikanti.

Ir-riżultat ta' dan kollu kien żieda ta' 18.4% fil-profitti qabel it-taxxa għal €19.1 miljun. Dan fisser aktar tkabbir fit-*total equity* tal-Bank li laħaq €215.2 miljun, li sarraf f'*equity to total assets* ta' 14.7%. B'kunsiderazzjoni ta' din il-prestazzjoni pożittiva, il-Bord qed jipproponi li jirrakkomanda dividend gross ta' 3.42 ċenteżmu għal kull sehem.

Ta' min jinnota li dawn ir-riżultati għas-sena 2025 intlaħqu filwaqt li l-Bank baqà josserva prudenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' mmaniġġjar tar-riskji, konformità kontinwa mal-obbligi regolatorji li dejjem jiżdiedu u protezzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank. Evidenza ta' dan tal-aħħar huma it-*Total Capital Ratio* u l- *Liquidity Coverage Ratio* li, b'19.9% u 380.5% rispettivament, kienu t-tnejn ogħla mir-rekwiżiti regolatorji minimi. Il-*Leverage Ratio*, indikatur ieħor importanti tar-riskju, sadanittant kien aktar minn erba' darbiet il-minimu meħtieġ b'13.4%. Aspetti oħra tal-*business model* b'riskju baxx tal-Bank kienu l-*Loan to Deposit Ratio* li, fil-livell ta' 79.6% fi tmiem is-sena, baqa' fil-limiti tar-*risk appetite* tal-Bank, u l-progress kontinwu fid-diversifikazzjoni tas-self b'tali mod li r-*retail lending*, prinċipalment il-*home loans*, issa jammonta għal 34% tas-self kollu.

Matul is-sena li għaddiet, is-sussidjarja tal-Bank, MaltaPost p.l.c., kisbet ukoll riżultat inkoraġġanti, fejn irreġistrat profitt qabel it-taxxa ta' €6.4 miljun meta mqabbel ma' €4.7 miljun fl-2024. Iż-żieda fil-profittabbiltà tirrifletti fil-biċċa l-kbira l-effiċjenzi fl-operat u l-investiment strateġiku fil-loġistika u l-*e-commerce*. Filwaqt li l-volumi tal-posta tal-ittri komplew jonqsu, il-kumpanija esperjenzat tkabbir qawwi fil-volumi tal-pakketti, riżultat taż-żieda b'saħħitha fl-attività tal-*e-commerce*. Sar ukoll progress sinifikanti f'inizjattivi ta' trasformazzjoni diġitali, inkluż l-użu ta' sistemi tal-AI biex jiġi eliminat xogħol ripetittiv. L-investiment fin-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja u ġenerali kompla b'pass mgħaġġel, riflessjoni tal-impenn tal-Maltapost li tespandi l-preżenza tagħha fis-settur finanzjarju. Fl-istess ħin, il-kumpanija investiet aktar f'teknoloġiji sostenibbli, inkluż permezz ta'

www.lombardmalta.com

LOMBARD

żidiet fin-numru ta' vetturi elettriċi. Għall-ġejjieni, Maltapost tinsab f'pożizzjoni tajba biex tkompli tikber b'mod sostenibbli, ittejjeb is-servizzi u tkompli bit-trasformazzjoni diġitali.

Ir-riżultati tal-Bank li enfasizzajt qabel kienu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi li l-Bord kien stabbilixxa għall-2025 u li kkonkludew l-implimentazzjoni b'suċċess tat-*three-year business plan* li ntemmet f'dik is-sena. Matul dan il-perjodu, il-Bank kompla jwettaq il-funzjoni ewlenija tiegħu ta' intermedjazzjoni finanzjarja, billi ttrasforma d-depożiti f'self, b'hekk sostna l-attività ekonomika f'setturi dejjem aktar diversifikati. Dawn il-miri intlaħqu fl-istess waqt li sar aktar investiment f'teknoloġiji avvanzati, fil-firxa ta' ħdax il-fergħa – li dalwaqt se jsiru tlettax – u fir-riżorsi umani. Dan kollu rriżulta f'*balance sheet* li qed tkompli tikber, li issa tlaħħaq l-€1.5 biljun, u qligħ sodisfaċenti għall-azzjonisti.

Fid-dawl ta' dan ir-rekord pożittiv, l- '*Strategy and Business Plan 2026 – 2029*' li ġie approvat reċentement mill-Bord tafferma mill-ġdid il-validità tal-*business model* tal-Bank u għalhekk tiffoka fuq il-konsolidazzjoni u t-tkabbir sostenibbli. Tal-ewwel huwa intiz li jibni fuq il-prudenza li ilha tiggwida b'suċċess in-negozju bankarju tagħna matul is-snin, flimkien mar-riżultati finanzjarji b'saħħithom li qed inkomplu niksbu u l-fiduċja marbuta mal-isem tal-Bank, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, ir-reżiljenza u l-ħolqien ta' valur fit-tul. L-aġenda tagħna għat-tkabbir hija ffukata fuq għarfien ta' opportunitajiet fis-suq biex insostnu l-profittabbiltà u nwettqu l-prijoritajiet strateġiċi ewlenin tagħna, jiġifieri l-effiċjenza fl-operat, relazzjoni aktar b'saħħitha mal-klijenti fil-kuntest ta' aspettattivi dejjem jinbidlu, kif ukoll investiment f'sistemi diġitali biex jgħinu fit-tisħiħ tal-kompetittivita' tal-Bank. Aktar dettalji dwar l-inizjattivi u l-proġetti li jiffurmaw parti minn din l-aġenda, li wħud minnhom diġà għaddejjin, jinsabu fir-*Review* tal-Kap Eżekuttiv.

Kif tiftakru, f'din l-okkażjoni s-sena l-oħra rreferejt għall-avviżi mill-Bank Centrali Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar tħaffif tar-regolamentazzjoni u wkoll dwar proposti biex ir-regolatur nazzjonali jaddotta superviżjoni a bażi tad-daqs u l-profil tar-riskju ta' kull bank, għall-kuntrarju tal-applikazzjoni ta' *one size fits all*. Għalkemm ma sirna nafu xejn dwar ebda żvilupp f'dan ir-rigward, nibqgħu nittamaw li din l-intenzjoni tirriżulta f'azzjoni sinifikanti mingħajr dewmien.

Fl-istess okkażjoni rreferejt ukoll għall-kwistjoni li ilha pendenti dwar id-disponiment min *National Development and Social Fund* ('NDSF') tal-49.01% tal-*qualifying shareholding* fil-Bank, impenn li kien notifikat lill-pubbliku fl-2018. Minkejja l-isforzi bla waqfien tagħna biex inwasslu din il-kwistjoni għal konklużjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat, irrid nirrapporta li dan l-impenn għadu ma ġiex onorat. Naffermaw mill-ġdid it-twemmin tagħna li l-bejgħ ta' dawn l-ishma jipprovdi ċ-ċarezza meħtieġa lill-investituri prospettivi u jkun fl-aħjar interess tal-*istakeholders* kollha tagħna. Għalhekk aħna determinati li nkomplu nsegwu dan l-objettiv bl-istess livell ta' impenn.

Minkejja dan kollu, il-Bord jemmen li l-Bank jinsab f'pożizzjoni tajba biex jiffaċċja l-futur b'kunfidenza. Se nkomplu nippromwovu it-tkabbir sostenibbli, fiduċjużi li l-istrateġija li ddeskrivejt illum hija adattata sew għall-karatteristiċi li qed jinbidlu tas-suq finanzjarju u l-aspettattivi tal-azzjonisti, il-klijenti u l-istaff tagħna. Dan l-ottimiżmu kawt huwa ġġustifikat ukoll mill-prospetti tajbin għall-ekonomija domestika, anke jekk avvenimenti ġeopolitiċi barra l-pajjiż jistgħu jagħtu lok għal sfidi mhux mistennija.

Biex nikkonkludi, f'isem il-Bord nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi lill-istaff u lit-tim maniġerjali tal-Bank, immexxija abilment mill-Kap Eżekuttiv Joseph Said, għall-kontribut imprezzabbli tagħhom, għall-kisba tar-riżultati tas-sena li għaddiet u għat-tisħieħ tar-reputazzjoni tal-Lombard Bank. Nixtieq nirringrazzja wkoll lid-diretturi sħabi u lill-*istakeholders* kollha tagħna għal-lealtà u sosten tagħhom.

**Michael C Bonello**
**Chairman**

(1) It-test uffiċjali ta' dan id-diskors huwa dak bl-Ingliż.

www.lombardmalta.com